**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-24 ta' Frar, 2017**

**Talba numru: 73/2015AM3**

**Lista Numru: 42**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu**

**Marsa MRS1501**

**Vs**

**Carmel Tanti (ID 293749M)**

**124, Triq Guze' Pace,**

**Hamrun**

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Jannar, 2015 li permezz taghha s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut s-somma ta' tmien mija u tlieta u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€893.25c) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 flimkien mas-servizz ta' GO Sports (AC40138532).

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha l-konvenut eccepixxa li minn Dok 'B' esebit mill-kumpanija attrici ffirma ftehim fis-07 ta' Settembru, 2009 mas-Socjeta' attrici ghas-servizz tal-Home Pack 33 liema servizz gie installat fi Flat 2 St Paul's Court, Triq Bisazza, Sliema liema post l-intimat dik il-habta kien qed jghix; li l-ewwel ftehim ffirmat fis-07 ta' Settembru, 2009 ma ghandux effett illi peress li l-intimat qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin favur tieghu; li rigward t-tieni ftehim Dok B2 ffirmat fit-22 ta' April, 2010 l-intimat ma ghandux ihallas dak li hu mitlub kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-provi; li l-kumpanija attrici ghandha tipprezenta breakdown tas-servizzi li pprovdiet sija dawk tal-Home Pack 33 u sija dawk tal-GO sport subscription u ghal-liema xhur. Illi l-ewwel tlett xhur tal-Free Sports tal-GO Sports yearly huwa b'xejn kif jirrizulta mill-ftehim Free Sport up to the 30th June, 2010 mentri nineteen euro ninety nine cents (€19.99c) euro monthly payment from 0lst July, 2010 until 30$^{th}$ June, 2010. Illi l-ftehim kien bi tlett xhur minghajr hlas; salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li xehdet li l-ammont ghadu dovut izda li fil-mori l-konvenut irritorna apparat u prezentat dokument li juri dan u li s-servizzi mertu ta' din il-kawza kienu inkorporati f'Home Pack Bundle Agreement fuq bazi Silver kif ukoll ghal servizz ta' GO Sports u li l-kuntratti annessi mal-avviz tat-talba juru dan. Hija prezentat kopja tat-termini u kundizzjonijiet li kienu applikabbli fir-rigward tal-Home Pack Bundle Agreement kif ukoll set ta' kontijiet li juru kif l-ammonti mitluba f'din il-kawza gew akkumulati u spjegat li mindu bdeit il-kawza l-koncenut irritorna apparat u dank if jirrizulta minn Dok CW1 a fol 25 li jidher li dan sar fis-27 ta' Frar, 2015 fuq kont numru 40138532. Illi l-kontijiet esebiti minn l-istess xhud kollha jirrigwardaw l-istess kont numru.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra a fol 60 n-nota tas-Socjeta' attrici li permezz taghha irriduciet l-ammont dovut ghal tmien mija u tmintax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€818.25c) u zammet id-drittijiet, l-imghaxijiet u l-ispejjez legali skont it-talba.

Ra li fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2016 is-Socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

Ra x-xhieda tal-konvenut a fol 62 li spjega li fis-sena 2009 kien Malta mill-Kanada ghal vaganza ghal tlett xhur u kera post Bisazza Street. Wara huwa mar jghix Santa Venera u

s-servizz gie trasferit f'Santa Venera. Damu Santa Venera ghal sena u nofs u wara marru jghixu Marsascala. Huwa kien mar biex jittrasferixxi s-servizz li kellu tas-Sliema ghal Santa Venera izda s-Sinjorina fethet kont gdid biex hi tkun tista tiehu l-kummissjoni. Huwa jammetti li kellu ftehim mas-Socjeta' attrici u li meta mar biex jittrasferixxi s-servizz ghal Santa Venera l-impjegata fethet kont gdid minflok u sar double billing. F'Novembru, 2011 mar joqghod Marsaskala u ma kellux reception u t-teknici tas-Socjeta' attrici maru xi sitt darbiet jippruvaw isewwu. Hu jichad li qatt kellu zewg kontijiet mas-Socjeta' attrici.

A fol 68 et l-konvenut fl-affidavit tieghu spjega li l-kont numru 40138532 li fetah mal-GO fis-07 ta' Settembru, 2009 u fit-22 ta' Settembru bl-istess numru tal-kont xtara special package – GO Sports fit-22 ta' April, 2010. Huwa ttermina l-isports package. Il-home package fis-sena 2009 minn tas-Sliema trasferih ghal Santa Venera gewwa Daffodil Court, Flat 6, Triq San Gorg, Santa Venera u minn hemm marru joqghodu Marsascala. Dejjem trasferixxa l-kont number 40138532 kull post li mar. F'Marsascala kien joqghod Nid D'Amore, 27, Triq il-Kavallieri ta' Malta, Marsascala u li l-problemi bdew minn Marsascala ghax ma kienx hemm reception tajba tal-internet. Jghid li f'Marsascala beda jircievi l-kontijiet fuq l-istess servizz fuq kont numru differenti cioe' AC 40175642 u induna b'dan meta sar jaf li s-Socjeta' attrici kellha titolu ezekuttiv kontra tieghu. Huwa baghat lill-Avukat tieghu jiccekja l-Qorti u skopra li l-firma ma kienetx tieghu fl-atti tal-ittra ai termini tal-Artikolu 166A. Jghid li l-ammont dovut ta' sitt mija, tlieta u sebghin ewro u ghoxrin centezmu (€673.20c) dovut fit-tieni kont ma hux dovut ghax huwa kont numru falz ghax huwa kont wiehed fetah, dak ta' Settembru 2009 bin-numru 40138532.

In kontro-ezami (seduta 19.1.2017) il-konvenut ammetta li l-firma fid-dokument 'X' hija tieghu u li tirrigwarda l-kont number 40175642 u li dan kien ftehim mal-GO ghal servizz ta' mobile fuq in-numru 99526982. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq Dok 'Y'. Huwa ammetta li Dok 'X' huwa kuntratt izda li fis-sena 2011 ma kienx jghix f'Bisazza Street. Anke f'Dok 'Y' fir-raba' pagna tal-istess dokument huwa gharaf il-firma tieghu u Dok 'Z' juri li hallas kollox.

In ri ezami huwa spjega li d-dokument prezentat illum rigward kont numru 40175642 jirrigwarda kaz iehor ghax fis-sena 2011 huwa ma kienx jghix Bisazza Street. Fis-sena

2009 huwa kien joqghod f'Bisazza Street u ghal tlett xhur biss. Dok 'Y' huwa l-istess kont numru u kien hemm titotlu ezekuttiv skont l-Artikolu 166A .

Fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017 il-partijiet iddikjaraw li ghalqu l-provi u trattaw il-kawza.

Ikkunsidra

Din hija kawza ghal hlas dovut in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 flimkien mas-servizz ta' GO Sports kont numru AC 40138532 u li mill-istatement tal-05 ta' Jannar, 2015 s-Socjeta' attrici a fol 3 turi hemm bilanc dovut ta' tmien mija tlieta u disghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€893.25c).

Fol 4 huwa l-kuntratt li l-konvenut ffirma mas-Socjeta' attrici fis-07 ta' Settembru, 2009 ghal servizz ta' Home Pack 33 u GO Sports l-ewwel wiehed fil-fond gewwa Bisazza Street, Sliema u t-tieni wiehed is-servizzi kien fil-fond ta' Santa Venera. Fol 5 huwa l-kuntratt li l-konvenut ffirma mal-istess Socjeta' ghal servizz ta' l-isports fit-22 ta' April, 2010 fil-fond gewwa Santa Venera.

L-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A li jsemmi l-konvenut u li veru tirrigwarda l-istess kont numru izda tirrigwarda wkoll kuntratt iehor tat-18 ta' Mejju, 2011 li sar mill-konvenut mas-Socjeta' attrici rigward servizzi ta' telefonija cellular 99526982. Meta kkonfront b'dan il-kuntratt Dok 'X' fl-ahhar seduta tad-19 ta' Jannar, 2017 il-konvenut gharaf il-firma tieghu izda xehed li ma kienx joqghod Bisazza Street, Sliema dak iz-zmien. Huwa anke ghamel ftehim mal-istess Socjeta' sabiex ihallas dan l-ammont f'pagamenti mensili.

Illi ghalhekk mill-atti jirrizulta li veru l-konvenut kellu kont numru wiehed cioe' 40138532 izda kien iffirma kuntratt tat-18 ta' Mejju, 2011 rigward l-uzu tat-telefon cellulari u ta dan kien inhariglu kont ghalih; kellu kuntratt iehor tas-07 ta' Settembru, 2009 ghal servizz ta' Home Pack 33 li huwa mertu ta' din il-kawza u dak tat-22 ta' April, 2011 rigward l-installazzjoni ta l-Isports Channel. Illi ghalhekk huwa kellu tlett servizzi differenti mas-Socjeta' attrici li kollha kellhom l-istess kont numru.

Il-konvenut ghar-rigward l-ftehim tas-07 ta' Settembru, 2009 qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin izda ma kwota ebda Artikolu fil-ligi li jissostanzja dan. Tali eccezzjoni qed tigi ghalhekk michuda stante li kif gie ritenut diversi drabi, t-Tribunal ma

jistax minn rajh jaghzel l-Artikolu tal-ligi hu li jahseb li kien qed jirreferi ghalih il-konvenut.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Illi rigward it-tieni ftehim Dok B2 ffirmat fit-22 ta' April, 2010 l-intimat qed jeccepixxi li huwa ma ghandux ihallas ghax ghal-ewwel tlett xhur is-servizz tal-GO Sports kien b'xejn. Dok B2 a fol 5 ffirmat mill-konvenut jghid li sat-30 ta' Gunju, 2010 veru li kellu l-isports b'xejn izda jghid ukoll li jekk huwa jitterminah qabel it-30 ta' Gunju, 2011, kif il-konvenut stess jammetti li ghamel, klawsola numru 4 tal-istess ftehim tghid testwalment: "If your terminate the GO Sports subscription or downgrade from Sports Premium at any time during the agreement period a penalty of €50 will be levied on your account and the rate of €19.99 can no longer be availed of".

Ir-rendikonti jinsabu esebiti mal-affidavit ta' Charmaine Wiffen a fol 24 et u fihom hemm spjegazzjoni dettaljata ta' xiex jikkonsisti dan l-ammont dovut.

Illi ghalhekk din hija kawza mhux li tirrigwarda zewg verzjonijiet konfliggenti izda tirrigwarda r-regola ta' min jallega jrid jipprova u li fil-fehma ta' dan it-Tribunal is-Socjeta' attrici irnexxielha tipprova li l-konvenut veru li kellu kont wiehed izda kellu tlett servizi fl-istess kont u dak li l-konvenut qed jghid li gia hallas jirrigwarda biss is-servizz tat-telefon cellurari u mhux tal-Home Pack u tal-iSports Channel.

Jigi rilevat ukoll li fil-mori ta' dawn il-proceduri l-konvenut irritorna l-kaxxa fi zmien meta huwa kien qed jghix il-Hamrun u ghalhekk kull post li mar is-servizz mexa warajh.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-Socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ridotta mill-istess Socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija u tmintax-il ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€818.25c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' din l-kawza sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**